



*Dokument ta' sessjoni*

**B8-0254/2018 }  
B8-0255/2018 }  
B8-0256/2018 }  
B8-0257/2018 }  
B8-0258/2018 } RC1**

30.5.2018

## **MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA**

imressqa skont l-Artikoli 135(5) u 123(4) tar-Regoli ta' Proċedura

li tissostitwixxi l-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni li ġejjin:

B8-0254/2018 (ECR)

B8-0255/2018 (Verts/ALE)

B8-0256/2018 (S&D)

B8-0257/2018 (PPE)

B8-0258/2018 (ALDE)

dwar is-sitwazzjoni ta' persuni b'ċittadinanza doppja UE-Iran mitfugħa l-ħabs (2018/2717(RSP))

**Cristian Dan Preda, Lars Adaktusson, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Pavel Svoboda, Jaromír Štětina, Tomáš Zdechovský, Marijana Petir, Tunne Kelam, Csaba Sógor, Laima Liucija Andrikienė, József Nagy, Ivan Štefanec, Eduard Kukan, Roberta Metsola, Jarosław Wałęsa, Giovanni La Via, Elisabetta Gardini, Željana Zovko, David McAllister, Michaela Šojdrová, Bogdan Brunon Wenta, Adam Szejnfeld, Seán Kelly, Deirdre Clune, Mairead McGuinness, Francis Zammit Dimech, Dubravka Šuica, Anna Záborská, László Tóké, Sandra Kalniete, Ivana Maletić, Ivo Belet, Jiří Pospíšil, Andrey Kovatchev, Elmar Brok, Ramona Nicole Mănescu, Inese Vaidere**

f'isem il-Grupp PPE

**Elena Valenciano, Victor Boștinaru, Soraya Post, Knut Fleckenstein, Josef**

RC\1154692MT.docx

PE621.639v01-00 }

PE621.640v01-00 }

PE621.641v01-00 }

PE621.642v01-00 }

PE621.643v01-00 } RC1

**Weidenholzer**

f'isem il-Grupp S&D

**Charles Tannock, Karol Karski, Ruža Tomašić, Jan Zahradil, Pirkko Ruohonen-Lerner, Valdemar Tomaševski, Raffaele Fitto, Monica Macovei, Branislav Škripek**

f'isem il-Grupp ECR

**Marietje Schaake, Nedzhmi Ali, Petras Auštrevičius, Beatriz Becerra Basterrechea, Izaskun Bilbao Barandica, Dita Charanzová, Gérard Deprez, Martina Dlabajová, Nadja Hirsch, Filiz Hyusmenova, Ivan Jakovčić, Petr Ježek, Ilhan Kyuchyuk, Valentinas Mazuronis, Louis Michel, Urmas Paet, Maite Pagazaurtundúa Ruiz, Jozo Radoš, Frédérique Ries, Robert Rochefort, Pavel Telička, Ramon Tremosa i Balcells, Ivo Vajgl, Johannes Cornelis van Baalen, Hilde Vautmans**

f'isem il-Grupp ALDE

**Klaus Buchner, Barbara Lochbihler, Bodil Valero, Pascal Durand, Keith Taylor**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Fabio Massimo Castaldo, Ignazio Corrao, Aymeric Chauprade**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni ta' persuni b'ċittadinanza doppja UE-Iran mitfugħa l-ħabs (2018/2717(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Iran, b'mod partikolari dawk tal-25 ta' Ottubru 2016 dwar strateġija tal-UE dwar l-Iran wara l-ftehim nukleari<sup>1</sup>, tat-3 ta' April 2014 dwar l-istrateġija tal-UE rigward l-Iran<sup>2</sup>, tas-17 ta' Novembru 2011 dwar l-Iran – każijiet reċenti ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem<sup>3</sup> u tal-10 ta' Marzu 2011 dwar l-approċċ tal-UE rigward l-Iran<sup>4</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-Rapporti Annwali tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem,
- wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar il-Piena tal-Mewt, dwar it-Tortura, dwar il-Libertà ta' Espressjoni u dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem,
- wara li kkunsidra l-Qafas Strateġiku u l-Pjan ta' Azzjoni l-ġodda tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, li għandhom l-għan li jqiegħdu l-protezzjoni u s-sorveljanza tad-drittijiet tal-bniedem fil-qalba tal-politiki kollha tal-UE,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/568 tat-12 ta' April 2018<sup>5</sup>, li testendi l-miżuri restrittivi marbuta ma' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran għal sena, sat-13 ta' April 2019,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta magħmula f'Tehran fis-16 ta' April 2016 mill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ), Federica Mogherini, u l-Ministru għall-Affarijiet Barranin tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran, Javad Zarif, li fiha ġie deċiż li jingħata bidu għal dialogu dwar id-drittijiet tal-bniedem u li jiġu organizzati żjarat ta' skambju bejn l-UE u l-Iran dwar kwistjonijiet relatati mad-drittijiet tal-bniedem,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem u r-rapporti tal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli u tas-Segretarju Ġenerali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-Repubblika Iżlamika tal-Iran, tat-23 ta' Marzu 2018,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,
- wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tal-1966, li l-Iran hu firmatarju tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 135(5) u 123(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

<sup>1</sup> Testi adottati, P8\_TA(2016)0402.

<sup>2</sup> ĠU C 408, 30.11.2017, p. 39.

<sup>3</sup> ĠU C 153E, 31.5.2013, p. 157.

<sup>4</sup> ĠU C 199E, 7.7.2012, p. 163.

<sup>5</sup> ĠU L 95, 13.4.2018, p. 14.

- A. billi hemm bosta ċittadini b'ċittadinanza doppja UE-Iranjana miżmuma f'ħabsijiet Iranjani, inkluż is-Sur Ahmadreza Djalali, riċerkatur Żvediż-Iranjan li ġie akkużat bi spjunaġġ u kkundannat għall-mewt wara proċess inġust, mingħajr aċċess għal avukat jew għall-kura medika neċessarja, u li attwalment jinsab taħt it-theddida imminente ta' eżekuzzjoni u f'qagħda ta' saħħa deterjorata ferm;
- B. billi s-Sur Kamran Ghaderi, ċittadin Awstrijak-Iranjan, ivvjaġġa fuq xogħol lejn l-Iran fejn ġie arrestat u kkundannat għal għaxar snin ħabs wara li l-prosekuzzjoni użat konfessjoni furzata; billi bħalissa tinsab detenuta fl-Iran ukoll is-Sa Nazanin Zaghari-Ratliffe, ċittadina Brittanika-Iranjana li kienet taħdem għal organizzazzjoni ta' karità u li ġiet dijanjostikata b'dipressjoni avvanzata; billi s-Sur Abbas Edalat, akkademiku ta' ċittadinanza Brittanika-Iranjana, ġie arrestat f'April 2018 u s'issa għadhom ma ġewx ikkomunikati l-akkużi kontrih;
- C. billi l-prattika kontinwa ta' arresti ta' persuni b'ċittadinanza doppja UE-Iranjana hija segwita minn tendenza ta' reklużjoni u interrogazzjonijiet fit-tul, nuqqas ta' proċess dovut, ċaħda ta' aċċess konsulari jew żjarat min-NU jew organizzazzjonijiet umanitarji, proċessi li jsiru b'segretezza fejn id-detenut jingħata aċċess limitat għal avukat, sentenzi ta' priġunerija twal ibbażati fuq akkużi vagi jew akkużi mhux speċifikati b'rabta mas-"sigurtà nazzjonali" u mal-"ispjunaġġ", u kampanji ta' malafama sponsorjati mill-istat kontra l-individwi mitfugħa l-ħabs;
- D. billi l-Iran, bħala stat parti għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR), għandu jirrispetta l-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon, kif ukoll il-libertà ta' espressjoni, ta' assoċjazzjoni u ta' għaqda paċifika, f'konformità mal-obbligi tiegħu;
- E. billi l-Iran qed ikompli jitfa' l-ħabs lil attivisti tas-soċjetà ċivili, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, attivisti ambjentali u attivisti politiċi, u dan l-aħħar żied l-arrest ta' tali persuni; billi d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġurnalisti u l-attivisti politiċi qed jiġu attivament soġġetti għal proċedura kriminali għall-azzjonijiet paċifiċi tagħhom;
- F. billi persuni b'ċittadinanza doppja miżmuma fl-Iran mhux dejjem ingħataw aċċess għal avukat u proċess ġust; billi, fil-prattika, l-Iran jittratta lil persuni b'ċittadinanza doppja bħala Iranjani biss, u dan jillimita l-aċċess tal-ambaxxati barranin għaċ-ċittadini tagħhom miżmuma fil-pajjiż, u l-aċċess tad-detenuti għal protezzjoni konsulari;
- G. billi diversi priġunieri politiċi u individwi akkużati b'reati kontra s-sigurtà nazzjonali batew minn nuqqas ta' aċċess adegwat għal kura medika matul id-detenzjoni, b'konsegwenzi serji;
1. Jikkundanna l-prattika kontinwa ta' detenzjoni ta' persuni b'ċittadinanza doppja UE-Iranjana min-naħa tal-awtoritajiet Iranjani wara proċessi inġusti; jitlob li tali persuni jinħelsu minnufih u mingħajr kundizzjonijiet, jew li jgħaddu mill-ġdid minn proċess f'konformità mal-istandards internazzjonali, u li l-uffiċjali responsabbli għall-ksur tad-drittijiet tagħhom jinżammu responsabbli;
  2. Jesprimi tħassib kbir dwar l-arrest ta' persuni b'ċittadinanza doppja UE-Iranjana mad-dħul

tagħhom fl-Iran, mingħajr evidenza *prima facie* li jkunu wettqu reat; jisħaq fuq il-punt li dawn l-arresti jxekklu l-possibilitajiet ta' kuntatti interpersonali;

3. Jiddeplora l-fatt li persuni b'ċittadinanza doppja UE-Iranjana huma detenuti fil-ħabsijiet tal-Iran f'kundizzjonijiet ħżiena, u li spiss jiġu mgieġhla jagħmlu konfessjonijiet wara li jkunu ġew torturati u trattati b'mod inuman;
4. Jistieden lill-awtoritajiet Iranjani jiggarantixxu lis-Sur Djalali aċċess sħiħ għall-avukat tiegħu u għal kull trattament mediku f'każ li jitlob dan; ihegġegħ lill-awtoritajiet Iranjani jħassru l-piena tal-mewt li ngħatatlu u jeħilsuh minnufih, kif mitlub mill-komunità internazzjonali;
5. Jistieden lill-awtoritajiet Iranjani jiżguraw li Kamran Ghaderi jingħata proċess ieħor, bil-għan li jiġi ggarantit li d-dritt tiegħu għal proċess ġust jiġi rrispettat, jeħilsu minnufih lil Nazanin Zaghari-Ratcliffe, li diġà hija eliġibbli għal rilaxx bikri, u b'mod urġenti jikkomunikaw l-akkużi kontra Abbas Edalat;
6. Jistieden lill-awtoritajiet Iranjani jirrispettaw id-dritt fundamentali tal-imputati għal aċċess għal avukat tal-għażla tagħhom u d-dritt għal proċess ġust, fid-dawl tal-obbligi internazzjonali tal-Iran kif stipulat fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem;
7. Jikkundanna, wara rapporti kredibbli, l-atti ta' tortura u trattament krudili ieħor mwettqa, b'mod partikolari waqt l-interrogazzjonijiet, u jitlob lill-awtoritajiet Iranjani jirrispettaw id-dinjità tal-bniedem tal-priġunieri; jikkundanna l-kundizzjonijiet krudili u inumani ta' detenzjoni u jistieden lill-Iran jiżgura li l-priġunieri kollha jirċievu kura medika adegwati;
8. Jistieden lill-ġudikatura tirrispetta l-prinċipji ta' proċess ġust u proċess dovut u tagħti lill-persuni suspettati aċċess għal avukat, żjarat konsulari u żjarat min-NU u mill-organizzazzjonijiet umanitarji, kif ukoll aċċess sħiħ għall-kura medika u s-servizzi tal-kura tas-saħħa f'konformità mal-obbligi internazzjonali tal-Iran; jistieden lill-Iran biex jieħu l-passi neċessarji bil-għan li ssir reviżjoni tal-liġi, b'tali mod li jiġu żgurati proċessi ġusti u aċċess għas-servizzi ta' avukat tul il-fażijiet investigattivi, u biex iwaqqaf il-prattika tal-konfessjonijiet furzati li jsiru bħala riżultat ta' tortura;
9. Jistieden lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u lill-Kummissjoni jistabbilixxu task force interna bħala appoġġ għaċ-ċittadini tal-UE li jkunu qed jiffaċċjaw il-piena tal-mewt jew proċessi manifestament inġusti f'pajjiżi terzi, sabiex jissaħħaħ l-appoġġ disponibbli mis-servizzi konsulari jew diplomatiċi nazzjonali tagħhom;
10. Jistieden lill-awtoritajiet Iranjani biex jikkooperaw mal-ambaxxati tal-Istati Membri tal-UE f'Tehran, bil-għan li jistabbilixxu lista ta' persuni b'ċittadinanza doppja li bħalissa jinsabu miżmuma fil-ħabsijiet Iranjani, u biex jissorveljaw kull każ individwali mill-qrib, peress li s-sigurtà taċ-ċittadini u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom huma tal-ogħla importanza għall-UE;
11. Jappella għall-ħelsien tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jinsabu maqfula l-ħabs fl-Iran u għall-waqfien tal-atti kollha ta' intimidazzjoni kontrihom;
12. Jilqa' l-fatt li l-istandards b'rabta mal-kundanni għal reati relatati mad-drogi kastigabbli

bil-mewt għolew b'mod sinifikanti bħala l-ewwel pass lejn l-implimentazzjoni ta' moratorju fuq il-piena tal-mewt fl-Iran;

13. Jistieden lill-Iran japprofondixxi l-involviment tiegħu f'mekkaniżmi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem billi jikkoopera mar-Rapporteurs Speċjali u mekkaniżmi speċjali, fosthom billi japprova talbiet għall-aċċess għall-pajjiż min-naħa ta' detenturi ta' mandat; ihegġegħ lill-awtoritajiet Iranjani jiżguraw b'mod partikolari li r-Rapporteur Speċjali tan-NU futur dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran jitħalla jidħol fil-pajjiż;
14. Jappoġġja d-diskussjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem li qed isiru fil-kuntest tad-Djalogu ta' Livell Għoli UE-Iran li beda wara l-konklużjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Komprensiv Konġunt; jisħaq fuq il-punt li l-UE għandha tibqa' determinata li tkompli taqşam it-tħassib tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem mal-Iran kemm b'mod bilaterali kif ukoll f'fora multilaterali;
15. Itenni l-involviment tal-Iran fi djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem u jilqa' r-rieda min-naħa tal-awtoritajiet Iranjani li jimpenjaw ruħhom favur dan id-djalogu;
16. Jistieden lill-VP/RGħ tqajjem il-kwistjonijiet tal-kundizzjonijiet fil-ħabs u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem mal-awtoritajiet, b'mod partikolari l-każijiet ta' persuni b'ċittadinanza doppja UE-Iranjana mitfugħa l-ħabs fl-Iran, bil-għan li jintemm it-trattament krudili u inuman fil-ħabsijiet Iranjani; jistieden lill-VP/RGħ u lill-Istati Membri biex b'mod sistematiku jqajmu tħassib dwar id-drittijiet tal-bniedem mal-awtoritajiet Iranjani, fosthom is-sitwazzjoni tal-priġunieri politiċi u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertà ta' espressjoni u ta' assoċjazzjoni;
17. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u lill-Gvern u lill-Parlament tal-Iran.